SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

13 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża T-135/08,

Schniga GmbH, stabbilita f'Bolzano (l-Italja), irrappreżentata minn G. Würtenberger u R. Kunze, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju Komunitarju ta' Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), irrappreżentat minn B. Kiewiet u M. Ekvad, bħala aġenti,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

il-partijiet l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali huma,

Elaris SNC, stabbilita f'Angers (Franza),

u

Brookfield New Zealand Ltd, stabbilita f'Havelock North (New Zealand),

irrappreżentati minn M. Eller, avukat,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-21 ta' Novembru 2007 (Każijiet A 003/2007 u A 004/2007), li tirrigwarda l-għoti ta' dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti għall-varjetà ta' pjanta Gala Schnitzer,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. W. H. Meij, President, V. Vadapalas u L. Truchot (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: N. Rosner, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' April 2008,

wara li rat ir-risposta tas-CPVO ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Awwissu 2008,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Awwissu 2008,

wara s-seduta tas-17 ta' Marzu 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-18 ta' Jannar 1999, il-Konsortium Südtiroler Baumschuler (KSB), li r-rikorrenti, Schniga GmbH, hija s-suċċessur tiegħu, ippreżenta applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju ta' Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, tas-27 ta' Lulju 1994, dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 390), kif emendat.

2 Din l-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru 1999/0033.

3 Id-dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti ntalab għall-varjetà ta' tuffieħa (Malus Mill) Gala Schnitzer.

4 Is-CPVO inkariga lill-Bundessortenamt (Uffiċċju Federali ta' Varjetajiet ta' Pjanti Ġermaniż) sabiex jagħmel eżami tekniku, skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament Nru 2100/94.

5 B'ittra tas-26 ta' Jannar 1999, indirizzata lir-rappreżentant ta' KSB, is-CPVO talab lil KSB jippreżentalu, kif ukoll lill-Bundessortenamt, il-materjal neċessarju għall-eżami tekniku, jiġifieri għaxar nibtiet inattivi li jistgħu jitlaqqmu, bejn l-1 u l-15 ta' Marzu 1999. Is-CPVO ppreċiża wkoll li KSB kien marbut josserva l-kundizzjonijiet fitosanitarji u doganali kollha applikabbli fir-rigward tal-kunsinna tal-materjal.

6 Il-Bundessortenamt irċieva l-imsemmi materjal fid-9 ta' Marzu 1999.

7 B'ittra tal-25 ta' Marzu 1999, indirizzata lir-rappreżentant ta' KSB, is-CPVO kkonferma li kien irċieva l-materjal mitlub u indika li l-imsemmi materjal kien ġie ppreżentat lill-Bundessortenamt fi stat tajjeb u mingħajr dewmien, iżda li ma kellux ċertifikat fitosanitarju. Huwa talab lil KSB sabiex jara li dan id-dokument indispensabbli jiġi pprovdut kemm jista' jkun malajr.

8 Fit-23 ta' April 1999, KSB bagħat lill-Bundessortenamt passaport fitosanitarju Ewropew u ppreċiża li l-awtorità li ħarġitu, jiġifieri s-servizz tal-protezzjoni tal-pjanti tal-provinċja awtonoma ta' Bolzano (l-Italja) kienet indikat li dan id-dokument kien iservi ta' ċertifikat fitosanitarju.

9 Permezz ta' ittra elettronika tat-3 ta' Mejju 1999, il-Bundessortenamt informa lil KSB bil-wasla fit-terminu previst tal-materjal, bil-karattru adegwat tiegħu u bil-karattru suffiċjenti, fid-dawl tal-eżami tekniku u tal-verifika tal-kundizzjonijiet materjali għall-għoti tad-dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti, tal-passaport fitosanitarju Ewropew ipprovdut. Huwa madankollu talab kopja ta' ċertifikat uffiċjali li jattesta n-nuqqas ta' virus fil-materjal ippreżentat.

10 Fl-2001, KSB informa lill-Bundessortenamt li kien impossibbli għalih li jipprovdi ċ-ċertifikat fitosanitarju mitlub peress li rriżulta li l-materjal ippreżentat f'Marzu 1999 fid-dawl tal-eżami tekniku kien qed iġorr virus inviżibbli.

11 Permezz ta' ittra elettronika tal-4 ta' Mejju 2001, il-Bundessortenamt informa lis-CPVO bl-intenzjoni tiegħu li jaqla' bl-għeruq il-materjal infettat sabiex jevita t-tixrid tal-infezzjoni lejn pjanti oħra, u ppropona li KSB jintalab sabiex jippreżenta materjal ġdid, mingħajr virus, sabiex jinbeda mill-ġdid l-eżami tekniku.

12 Permezz ta' ittra elettronika tat-8 ta' Mejju 2001, indirizzata lill-Bundessortenamt, is-CPVO wera l-qbil tiegħu mal-qligħ bl-għeruq tal-materjal infettat u indika li ddeċieda li jitlob lil KSB sabiex jippreżenta materjal ġdid, mingħajr virus, għax-xahar ta' Marzu 2002. Huwa indika wkollli, peress lil-istruzzjonijiet dwar il-preżentata tal-materjal ma ppreċiżawx li dan kellu jkun mingħajr virus, iżda biss li kellu josserva r-rekwiżiti tal-passaport fitosanitarju Ewropew, KSB ma setax jinżamm responsabbli għas-sitwazzjoni, li kien ikun inġust li l-applikazzjoni għal dritt Komunitarju għall-varjetà Gala Schnitzer tiġi miċħuda u li għaldaqstant, is-soluzzjoni proposta kienet tidher li hija l-aħjar waħda.

13 Permezz ta' ittra elettronika tat-13 ta' Ġunju 2001, is-CPVO indika lil KSB li, bi ftehim mal-Bundessortenamt, huwa kien iddeċieda li jawtorizzah, sa fejn l-istruzzjonijiet tiegħu dwar il-provvista ta' pjanti u r-rekwiżiti dwar l-istat sanitarju tagħhom ma kinux suffiċjentement ċari, sabiex jippreżenta lill-Bundessortenamt, f'Marzu 2002, materjal ġdid mingħajr virus flimkien ma' ċertifikat fitosanitarju li jattesta dan il-fatt, u dan sabiex jinbeda mill-ġdid l-eżami tal-applikazzjoni għall-varjetà Gala Schnitzer.

14 Fit-tmiem tal-eżami tekniku ġdid, il-Bundessortenamt ikkonkluda, fir-rapport finali tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2005, li l-varjetà Gala Schnitzer kienet distinta mill-varjetà l-iktar simili għaliha u li kienet qiegħda sservi bħala referenza, jiġifieri l-varjetà Baigent, fuq il-bażi tal-karatteristika addizzjonali "Frott: wisa' tal-istriji".

15 Fil-5 ta' Mejju 2006, l-intervenjenti, Elaris SNC u Brookfield New Zealand Ltd, proprjetarja ta' liċenzja li tirrigwarda d-dritt tal-varjetà Baigent u l-proprjetarja ta' dan id-dritt rispettivament, indirizzaw lis-CPVO b'xi oġġezzjonijiet, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 2100/94, dwar l-għoti tad-dritt lill-varjetà Gala Schnitzer.

16 Dawn l-oġġezzjonijiet kienu bbażati fuq id-dritt preċedenti tal-varjetà ta' tuffieħ (Malus Mill) Baigent.

17 Il-motivi invokati insostenn ta' dawn l-oġġezzjonijiet kienu, minn naħa, dak previst fl-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94, sa fejn in-nuqqas ta' osservanza, mir-rikorrenti, tar-rekwiżiti dwar il-preżentata tal-materjal intiż għall-eżami tekniku, kif iddefiniti fl-ittri tas-CPVO tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999, kien imissu wassal lis-CPVO sabiex jiċħad l-applikazzjoni li tirrigwarda l-varjetà Gala Schnitzer u, min-naħa l-oħra, dak previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2100/94, sa fejn il-varjetà Gala Schnitzer ma hijiex distinta mill-varjetà Baigent.

18 Fl-14 ta' Diċembru 2006, il-President tas-CPVO approva l-użu tal-karatteristika addizzjonali "Frott: wisa' tal-istriji" sabiex jiġi stabbilit il-karattru distintiv tal-varjetà Gala Schnitzer.

19 Permezz tad-deċiżjonijiet EU 18759, OBJ 06-021 u OBJ 06-022, tas-26 ta' Frar 2007, il-kumitat responsabbli sabiex jiddeċiedi fuq l-oġġezzjonijiet kontra l-għoti ta' dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti (iktar 'il quddiem il-"kumitat") ta d-dritt mitlub għall-varjetà Gala Schnitzer u ċaħad l-oġġezzjonijiet.

20 Fil-11 ta' April 2007, l-intervenjenti ppreżentaw appell quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO, skont l-Artikoli 67 sa 72 tar-Regolament Nru 2100/94, kontra dawn it-tliet deċiżjonijiet.

21 B'deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Bord tal-Appell annulla d-deċiżjoni li tat id-dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti lill-varjetà Gala Schnitzer, kif ukoll id-deċiżjonijiet li jiċħdu l-oġġezzjonijiet, u ċaħad huwa stess l-applikazzjoni li tirrigwarda l-varjetà Gala Schnitzer. B'mod partikolari, huwa kkunsidra li l-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94, ma jippermettix lis-CPVO jawtorizza lil KSB sabiex jippreżenta materjal ġdid, peress li dan tal-aħħar ma kienx ikkonforma mat-talba individwali, fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, li permezz tagħha s-CPVO kien talbu sabiex jipprovdi ċertifikat fitosanitarju li jattesta li l-materjal ippreżentat kien ħieles minn virus.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

22 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

23 Is-CPVO jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

24 Waqt is-seduta, is-CPVO emenda l-ewwel parti tat-talbiet tiegħu billi indika li huwa ried jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-deċiżjoni kkontestata. Il-Qorti Ġenerali ħadet nota ta' dan fir-rapport tas-seduta.

25 L-intervenjenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors u, konsegwentement, tikkonferma d-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, fil-każ tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, tannulla d-deċiżjonijiet tas-CPVO, EU 18759, OBJ 06-021 u OBJ 06-022, tas-26 ta' Frar 2007, u tiċħad l-applikazzjoni Nru 1999/0033 għall-għoti ta' dritt ta' varjetà ta' pjanta, jekk ikun il-każ wara li tadotta l-miżuri għall-kisba ta' opinjoni

esperta li ġejjin: tinkariga fl-istess ħin lill-Bundessortenamt u lill-Institut national de la recherche agronomique (INRA, Franza) bi studji addizzjonali dwar il-varjetà applikanti u l-varjetà ta' referenza Baigent, fuq il-bażi ta' kampjuni li għandhom l-istess żmien u waqt żewġ staġuni li fihom jagħmlu l-frott, fejn dawn l-istudji għandhom jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-karatteristika "Frott: striji";

— iktar sussidjarjament:

— tinkariga lill-Bundessortenamt bi studji addizzjonali dwar il-varjetà applikanti u l-varjetà ta' referenza Baigent, fuq il-bażi ta' kampjuni li għandhom l-istess żmien u waqt tliet jew, tal-inqas, żewġ staġuni meta jagħmlu l-frott, fejn dawn l-istudji għandhom jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-karatteristika "Frott: striji";

— tordna kull miżura oħra għall-kisba ta' opinjoni esperta li l-Qorti Ġenerali tqis neċessarja, b'mod li tingħata risposta xjentifikament aċċettabbli għall-kwistjoni tal-karattru distintiv taż-żewġ varjetajiet u li tirrimedja l-ksur allegat tar-regoli ta' proċedura imperattivi li jirregolaw il-kondotta tal-eżamijiet ta' distinzjoni, omoġenjità u stabbiltà;

— tordna r-rimbors tal-ispejjeż.

26 Minħabba l-impediment tal-Imħallef Tchipev wara t-tmiem tal-proċedura orali, l-Imħallef Vadapalas ġie maħtur, skont l-Artikolu 32(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex jikkompleta l-awla.

27 B'digriet tal-5 ta' Lulju 2010, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), fil-kompożizzjoni l-ġdid tagħha, fetħet mill-ġdid il-proċedura orali u l-partijiet ġew informati li kienu ser jinstemgħu waqt seduta ġdida fis-7 ta' Settembru 2010.

28 Permezz ta' faks tat-13, l-14 u l-15 ta' Lulju 2010, l-intervenjenti, ir-rikorrenti u s-CPVO, rispettivament, informaw lill-Qorti Ġenerali li kienu qegħdin jirrinunzjaw li jinstemgħu għal darba oħra.

29 Konsegwentement, il-President tas-Sitt Awla ddeċieda li jagħlaq il-proċedura orali.

Id-dritt

30 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem tliet motivi, ibbażati rispettivament fuq l-inammissibbiltà tal-oġġezzjonijiet indirizzati lis-CPVO mill-intervenjenti, fuq ksur tal-Artikolu 61(1)(b) u tal-Artikolu 62 tar-Regolament Nru 2100/94 u fuq ksur tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

Fuq l-ammissibbiltà

Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel motiv

— L-argumenti tal-partijiet

31 L-intervenjenti jsostnu li l-ewwel motiv tar-rikorrenti, ibbażat fuq l-argument li l-oġġezzjonijiet li huma kienu indirizzaw lis-CPVO kien imisshom ġew miċħuda bħala inammissibbli mill-kumitat u mill-Bord tal-Appell, huwa inammissibbli peress li tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali.

32 Ir-rikorrenti tikkontesta l-argumenti tal-intervenjenti. Fil-fatt, hija ssostni li l-ammissibbiltà tal-appell tagħhom kien imissha ġiet eżaminata *ex officio* mill-Bord tal-Appell.

33 Is-CPVO jsostni li l-Bord tal-Appell huwa kompetenti sabiex jevalwa jekk jistax jew le jippermetti preżentata ġdida ta' materjal.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

34 Għandu jiġi mfakkar li r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali jikkonċerna l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-bordijiet tal-appell tas-CPVO, fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 2100/94, kif emendat. Dan għalhekk għandu jsir fir-rigward tal-punti ta' liġi li ġew ippreżentati quddiem il-Bord tal-Appell. Għaldaqstant, il-funzjoni tal-Qorti Ġenerali ma hijiex li teżamina motivi ġodda ppreżentati quddiemha. Fil-fatt, l-eżami ta' dawn il-motivi ġodda jmur kontra l-Artikolu 135(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jipprovdi li l-partijiet ma jistgħux ibiddlu s-suġġett tal-kawża quddiem il-Bord tal-Appell [ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2009, Fiorucci vs UASI — Edwin (ELIO FIORUCCI), T-165/06, Ġabra p. II-1375, punti 21 u 22, u l-ġurisprudenza ċċitata].

35 Minn dan isegwi li l-motiv ibbażat fuq l-inammissibbiltà tal-oġġezzjonijiet indirizzati lis-CPVO mill-intervenjenti, imqajjem mir-rikorrenti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

Fuq l-ammissibbiltà tat-tielet motiv

— L-argumenti tal-partijiet

36 L-intervenjenti jsostnu li t-tielet motiv tar-rikorrenti, ibbażat fuq il-ksur, mill-Bord tal-Appell, tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, huwa inammissibbli.

37 Fl-opinjoni tagħhom, is-setgħa diskrezzjonali mogħtija lis-CPVO sabiex jindirizza talbiet individwali, fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, li fuqha tibbaża ruħha r-rikorrenti, għandha bħala konsegwenza li tali talbiet jistgħu jiġu fformulati mingħajr l-ebda riferiment għal bażi legali. Issa, l-Artikolu 73(2) tar-Regolament Nru 2100/94 jipprovdi li rikors jista' jiġi ppreżentat fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kompetenza, ksur tal-ħtiġijiet proċedurali essenzjali, ksur tat-Trattat, ta' dan ir-regolament jew ta' xi dispożizzjoni legali li għandha x'taqsam mal-applikazzjoni tagħhom, jew użu ħażin ta' poter. Għaldaqstant, billi interpreta l-kontenut tal-ittri tas-CPVO tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999, il-Bord tal-Appell kien evalwa l-fatti u b'hekk ma wettaqx evalwazzjoni ġuridika. Minn dan isegwi li huwa ma setax iwettaq żball ta' liġi li jista' jiġi kkunsidrat bħala ksur tal-liġi applikabbli u, għaldaqstant, li jista' jkun is-suġġett ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 2100/94.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

38 Għandu jiġi rrilevat li l-Bord tal-Appell ikkunsidra, l-ewwel nett, li l-ittri tas-CPVO tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999 kien fihom talbiet individwali, fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, it-tieni nett li KSB ma kienx ikkonforma ma' dawn it-talbiet u, fl-aħħar nett, minn dan ikkonkluda, kif previst fl-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94, li s-CPVO kien marbut jiċħad immedjatament l-applikazzjoni fir-rigward tal-varjetà Gala Schnitzer.

39 Billi għamel dan, il-Bord tal-Appell ikkwalifika ġuridikament l-imsemmija ittri u silet il-konsegwenzi ta' din il-kwalifika billi applika d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 2100/94. Għaldaqstant, l-intervenjenti ma jistgħux isostnu li l-Bord tal-Appell ma wettaq l-ebda evalwazzjoni ġuridika li tista' tiġi kkontestata mir-rikorrenti fil-kuntest tar-rikors previst fl-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 2100/94.

40 Minn dan isegwi li t-tielet motiv huwa ammissibbli.

Fuq il-mertu

41 Għandu jiġi eżaminat l-ewwel it-tielet motiv.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94

— L-argumenti tal-partijiet

42 Skont ir-rikorrenti, is-CPVO għandu kull diskrezzjoni sabiex jiddetermina liema huma r-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi li għandu jissodisfa l-materjal ippreżentat sabiex ikun is-suġġett ta' eżami tekniku. Din is-setgħa diskrezzjonali assoluta tas-CPVO sabiex jistabbilixxi, permezz ta' regoli ġenerali jew permezz ta' talbiet individwali, il-kwalità tal-materjal intiż għall-eżami tekniku u l-kampjuni ta' referenza tingħatalu mill-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

43 Ir-rikorrenti tqis li l-istruzzjonijiet mogħtija mis-CPVO għandhom ikunu ċari, sabiex tiġi evitata kull sitwazzjoni arbitrarja. Fil-fatt, hija tikkunsidra li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma suġġetti għal rekwiżit ta' ċarezza tad-definizzjonijiet, rekwiżit li jipprovdi li l-atti amministrattivi u l-kundizzjonijiet li n-nuqqas ta' osservanza

tagħhom jista' jwassal għat-telf ta' dritt, għandhom ikunu suffiċjentement preċiżi u ċari, b'tali mod li ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu jkun jista' jidentifika d-drittijiet u l-obbligi tiegħu mingħajr ambigwità u b'hekk jara li ma jagħmel xejn li jista' jmur kontra l-interessi tiegħu. Dan il-prinċipju jobbliga lis-CPVO sabiex jgħarraf b'mod preċiż lill-awtur ta' applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti liema huma r-rekwiżiti addizzjonali li jixtieq li dan jissodisfa, barra dawk previsti fl-Artikoli 7 sa 9 tar-Regolament Nru 2100/94.

44 Minn dan jirriżulta li, fil-kawża preżenti, li kieku s-CPVO kien xtaq li KSB jipproduċi dokumenti addizzjonali fir-rigward tal-istat sanitarju tal-materjal ippreżentat, huwa kien imissu ddefinixxa dawn ir-rekwiżiti b'mod ċar ħafna u mingħajr ambigwità mill-bidu nett.

45 Ir-rikorrenti tqis li, fin-nuqqas ta' regoli ġenerali, fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni li tirrigwarda l-varjetà Gala Schnitzer, l-ittra tas-CPVO tas-26 ta' Jannar 1999 kellha tiġi kkunsidrata bħala talba individwali, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Issa, l-informazzjoni li kien hemm fl-imsemmija ittra, dwar ir-rekwiżiti fis-seħħ, fil-qasam fitosanitarju, li l-materjal li ġie ppreżentat kellu jissodisfa, kienet insuffiċjenti, b'tali mod li r-rikorrenti ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li tinterpreta hija stess l-imsemmija rekwiżiti, jiġifieri dawk li jirriżultaw mid-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1976, dwar il-miżuri ta' protezzjoni kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi qerrieda għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra il-firxa fi ħdan il-Komunità (ĠU L 26, p. 20), kif emendata. F'dan ir-rigward, hija tqis li ma kinitx ir-responsabbiltà tagħha li tippreżumi li l-livell tar-rekwiżiti tas-CPVO fil-qasam fitosanitarju kien ogħla minn dak li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva.

46 Ir-rikorrenti tfakkar ukoll li, fl-ittra elettronika tiegħu tat-3 ta' Mejju 1999, il-Bundessortenamt informa lil KSB bil-karattru suffiċjenti, fid-dawl tal-eżami tekniku, tal-passaport fitosanitarju Ewropew ipprovdut, u talbu sabiex jipproduċi, kemm jista' jkun malajr, ċertifikat li jattesta n-nuqqas ta' virus fil-materjal ippreżentat.

47 Madankollu, la l-Bundessortenamt u lanqas is-CPVO ma informaw lil KSB bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' preżentata taċ-ċertifikat mitlub. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, billi pproċeda għall-eżami tekniku, minkejja n-nuqqas tal-imsemmi ċertifikat, is-CPVO kien ta x'jifhem li l-provvista ta' passaport fitosanitarju Ewropew kienet fl-aħħar mill-aħħar suffiċjenti għall-finijiet tal-għoti tad-dritt mitlub, u b'hekk ħoloq fir-rikorrenti aspettattiva leġittima li l-passaport fitosanitarju Ewropew kien suffiċjenti f'dan ir-rigward.

48 Issa, minkejja li, fir-realtà, is-CPVO ma kkunsidrax il-provvista ta' tali dokument bħala suffiċjenti, huwa ma setax, skont ir-rikorrenti, jiċħad l-applikazzjoni għall-varjetà Gala Schnitzer, fid-dawl tal-aspettattiva leġittima li huwa ħoloq fiha u li, bħal kull prinċipju ġenerali tad-dritt, torbot lill-amministrazzjoni tal-Unjoni. Bil-kontra, is-CPVO ma kellux, skont ir-rikorrenti, għażla oħra ħlief dik li jawtorrizaha sabiex tippreżenta materjal ġdid.

49 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li s-setgħa diskrezzjonali li għandu s-CPVO tista' tiġi eżerċitata fi kwalunkwe mument fil-proċedura ta' eżami, ħekk kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94 ("sakemm l-Uffiċċju ma kienx aċċetta li l-applikazzjoni ma ntbagħtitx").

50 Fl-aħħar, ir-rikorrenti ssostni li, fid-dawl tan-natura speċifika tal-materjal ħaj bħalma huwa l-materjal tal-pjanti, is-CPVO u l-President tiegħu għandhom igawdu setgħa diskrezzjonali wiesgħa meta jiġu sabiex jiddeċiedu jekk materjal ġdid jistax jiġi ppreżentat minħabba ċirkustanzi indipendenti mir-rieda tal-applikant jew minħabba natura eċċezzjonali.

51 Tali ċirkustanzi kienu jeżistu fil-kawża preżenti, peress li trattament ta' terapija bis-sħana, bħal dak imwettaq fl-1996, u li jwassal, f'99 % tal-każijiet, għall-kisba ta' materjal ħieles minn virus, ma wassalx għall-effett mixtieq, u peress li kienet għaddiet iktar minn sena sabiex jiġi skopert li l-virus kien irreżista dan it-trattament.

52 Minn dan ir-rikorrenti tiddeduċi li l-Bord tal-Appell kien imissu kkunsidra li KSB kien ippreżenta fl-1999, lill-Bundessortenamt, materjal li kellu dritt jaħseb li kien ħieles minn virus, b'tali mod li, meta ddeċieda li l-President tas-CPVO ma setax jawtorizza preżentata ġdida ta' materjal, il-Bord tal-Appell kien kiser is-setgħa diskrezzjonali li huwa għandu skont l-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, li jawtorizzah sabiex jiddetermina, b'mod partikolari, il-kwalità tal-materjali u tal-kampjuni li għandhom jiġu ppreżentati.

53 Is-CPVO sostna, waqt is-seduta, li l-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94, li abbażi tiegħu s-CPVO għandu jiċħad mill-ewwel l-applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti jekk jikkonstata li l-applikant ma kkonformax ma' regola ġenerali jew ma' talba individwali fit-terminu stabbilit, ma japplikax fil-każ fejn tali talba ma tkunx ċara.

54 Fil-fatt, is-CPVO sostna li huwa ma qabilx mal-analiżi tal-Bord tal-Appell, li tipprovdi li l-istruzzjonijiet tiegħu dwar il-materjal intiż għall-eżami tekniku kienu suffiċjentement ċari sabiex in-nuqqas ta' osservanza tagħhom iwassal għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-varjetà Gala Schnitzer.

55 Huwa spjega li l-istruzzjonijiet li huwa kien ta lil KSB dwar l-istat sanitarju tal-materjal li kellu jiġi ppreżentat ma kinux suffiċjentement ċari u, b'mod partikolari, huwa ma kienx informa lil KSB b'mod korrett bil-fatt li l-passaport fitosanitarju Ewropew ipprovdut kien insuffiċjenti u li l-imsemmija istruzzjonijiet kien imisshom indikaw

espliċitament li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat kellu jkun ħieles minn virus, u dan peress li ma huwiex il-kompitu tal-applikanti għad-dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti li jinterpretaw l-istruzzjonijiet.

56 B'hekk, is-CPVO afferma li kien awtorizza, fil-kawża preżenti, preżentata ta' materjal ġdid minħabba l-konfużjoni li għall-ħolqien tagħha kienu kkontribwixxew l-istruzzjonijiet tiegħu.

57 L-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti. Fil-fatt, huma jikkunsidraw li l-kundizzjonijiet meħtieġa għal ċaħda ta' applikazzjoni kienu sodisfatti, peress li KSB, li kien responsabbli għall-formalitajiet fitosanitarji kollha dwar il-materjal tal-pjanti ppreżentat, ma pprovdiex iċ-ċertifikat fitosanitarju mitlub mis-CPVO skont l-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

58 Billi għamel dan, KSB ma kkonformax ma' din it-talba individwali fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94. Għaldaqstant, skont l-intervenjenti, is-CPVO ma setax jawtorizza l-preżentata ta' materjal ġdid mingħajr ma jikser l-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94.

59 Huma jżidu li, f'tali każ, il-konsegwenzi tal-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94 ma jistgħux jitwarrbu ħlief permezz ta' *restitutio in integrum* fis-sens tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 2100/94. Issa, KSB ma kienx ippreżenta talba f'dan is-sens fit-termini stabbiliti minn din id-dispożizzjoni.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

60 Skont l-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94, is-CPVO għandu jistabbilixxi, permezz ta' regoli ġenerali jew permezz ta' talbiet individwali, id-data u l-post għall-preżentata tal-materjal intiż għall-eżami tekniku u l-kampjuni ta' referenza, kif ukoll il-kwantità u l-kwalità ta' dan il-materjal u ta' dawn il-kampjuni.

61 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Bord tal-Appell ikkunsidra li s-setgħa diskrezzjonali mogħtija lis-CPVO minn din id-dispożizzjoni ma kinitx tippermettilu jawtorizza lil KSB sabiex jippreżenta materjal ġdid, sa fejn kienu sodisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni ppreżentata minn KSB. Fil-fatt, il-Bord tal-Appell qies li, minħabba l-infezzjoni virali li kienet taffettwa l-materjal ippreżentat, li KSB kien informa lis-CPVO biha, KSB qatt ma seta' jipprovdi ċ-ċertifikat fitosanitarju mitlub. Huwa rrileva wkoll li KSB ma kienx ipprovda ċ-ċertifikat fitosanitarju mitlub u minn dan iddeduċa li, billi ma pproduċiex dan id-dokument, KSB ma kienx ikkonforma mat-talbiet individwali li kien hemm fl-ittri tas-CPVO tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999. Issa, skont l-Artikolu 61(1)(b) tal-imsemmi regolament, is-CPVO kien marbut jiċħad mill-ewwel l-applikazzjoni għall-varjetà Gala Schnitzer.

62 Dan ir-raġunament għandu jiġi mwarrab sa fejn jinterpreta b'mod żbaljat il-portata tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lis-CPVO mill-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

63 Fil-fatt, din is-setgħa diskrezzjonali tinkludi d-dritt tas-CPVO li jippreċiża, jekk iqis li huwa neċessarju, il-kundizzjonijiet li għalihom huwa jissuġġetta l-eżami ta' applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti, sakemm it-terminu li fih l-awtur tal-applikazzjoni għad-dritt għandu jirrispondi għat-talba individwali indirizzata lilu jkun għadu ma skadiex.

64 F'dan ir-rigward, huwa konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u kif ukoll man-neċessità li jiġu mħarsa l-iżvolġiment tajjeb u l-effettività tal-proċedimenti li, meta jqis li n-nuqqas ta' preċiżjoni li huwa jkun innota jkun jista' jiġi korrett, is-CPVO jkollu l-possibbiltà li jkompli l-eżami tal-applikazzjoni ppreżentata quddiemu u ma huwiex marbut, f'dan il-każ, li jiċħadha. Ikkunsidrata b'dan il-mod, din is-setgħa diskrezzjonali tippermetti li tiġi evitata kull żieda inutli tal-perijodu li jissepara l-preżentata tal-applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti u d-deċiżjoni li tiddeċiedi din l-applikazzjoni, żieda li tirriżulta min-neċessità, għall-applikant, li jippreżenta applikazzjoni ġdida.

65 Barra minn hekk, tali setgħa diskrezzjonali tippermetti, minn naħa, lis-CPVO sabiex jiżgura li t-talbiet individwali tiegħu jkunu ċari u li l-applikant ikun l-uniku awtur ta' nuqqas eventwali ta' konformità tal-atti tiegħu mal-imsemmija talbiet individwali u, min-naħa l-oħra, lill-applikanti li jkunu jafu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u li jieħdu l-passi tagħhom fid-dawl tagħhom, rekwiżit dan li huwa inerenti għall-prinċipju taċ-ċertezza legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Lulju 1981, Gondrand u Garancini, 169/80, Ġabra p. 1931, punt 17).

66 Fil-kawża preżenti, huwa paċifiku li s-CPVO kkomunika ma' KSB jew mar-rappreżentant tiegħu permezz ta' ittri tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999 u b'ittra elettronika tat-13 ta' Ġunju 2001.

67 Fl-ittra tiegħu tas-26 ta' Jannar 1999, is-CPVO talab lil KSB jippreżentalu, kif ukoll lill-Bundessortenamt, il-materjal neċessarju għall-eżami tekniku, jiġifieri għaxar nibtiet inattivi li jistgħu jitlaqqmu, bejn l-1 u l-15 ta' Marzu 1999. F'din l-ittra, is-CPVO ppreċiża li "[m]in jibgħat il-materjal huwa responsabbli għat-trasport neċessarju kif ukoll għat-teħid lura tal-materjal tal-pjanti, li jinkludi l-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha fitosanitarji u doganali applikabbli" u li "[i]l-materjal tal-pjanti ma għandux ikun għadda minn trattament kimiku".

68 Fl-ittra tiegħu tal-25 ta' Marzu 1999, is-CPVO kkonferma li rċieva l-materjal mitlub u indika li l-imsemmi materjal kien ġie ppreżentat lill-Bundessortenamt fi stat tajjeb u mingħajr dewmien, iżda li "il-kunsinna ma kellhiex iċ-ċerifikat fitosanitarju neċessarju". F'din l-istess ittra, is-CPVO talab li KSB jipprovdi "malajr kemm jista' jkun dan id-dokument indispensabbli [...] sabiex jikkonforma ruħu mal-istruzzjonijiet [li kienu ġew] ikkomunikati [lilu] fis-26 ta' Jannar 1999".

69 Għandu jiġi rrilevat li l-ittra tas-26 ta' Jannar 1999 tindika l-post fejn u d-data li fiha l-materjal kellu jiġi ppreżentat, kif ukoll il-kwantità ta' materjal li kellu jiġi ppreżentat. Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet li jipprovdu li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat, minn naħa, ma setax ikun għadda minn trattament kimiku u, min-naħa l-oħra, kellu jkollu ċertifikat fitosanitarju, kif jirriżulta mill-ittra tal-25 ta' Marzu 1999, jikkonċernaw il-kwalità tal-imsemmi materjal. Għaldaqstant, dawn iż-żewġ ittri fihom talbiet individwali, fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

70 Fl-ittra elettronika tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2001, is-CPVO, wara li informa lil KSB bid-deċiżjoni tiegħu li jeqred il-materjal ippreżentat minn dan tal-aħħar minħabba l-infezzjoni tiegħu, indikalu li, "peress li l-istruzzjonijiet mibgħuta [mis-CPVO], dwar il-provvista ta' pjanti u l-istat sanitarju meħtieġ, ma kinux suffiċjentement ċari, [is-CPVO kien] iddeċieda li jaċċetta t-talba [tiegħu] għall-preżentata ta' materjal ġdid ħieles minn virus għat-tliet varjetajiet mibgħuta lill-Bundessortenamt ta' Wurzen, sa Marzu 2002", u stiednu sabiex "jara li din il-kunsinna jkollha din id-darba ċertifikat fitosanitarju maħruġ minn korp uffiċjali li jattesta l-kundizzjoni sanitarja tajba tagħhom".

71 Mill-fatti, kif ippreżentati fir-rikors u mhux ikkontestati fuq dan il-punt, jirriżulta li din l-ittra elettronika ntbagħtet wara informazzjoni mogħtija minn KSB lill-Bundessortenamt fis-sens li l-materjal ippreżentat f'Marzu 1999 fid-dawl tal-eżami tekniku kien fih virus inviżibbli, b'tali mod li KSB ma setax jipprovdi lill-Bundessortenamt b'ċertifikat fitosanitarju li jattesta li l-imsemmi materjal kien ħieles minn virus.

72 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li din l-ittra elettronika tindika l-post fejn u d-data li fiha l-materjal kellu jiġi ppreżentat. Barra minn hekk, sa fejn intalab li jiġi pprovdut ċertifikat fitosanitarju, din hija indikazzjoni li tikkonċerna l-kwalità tal-materjal li għandu jiġi ppreżentat. Għaldaqstant, l-ittra msemmija fiha talba individwali, fis-sens tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

73 It-tieni nett, għandu jiġi kkonstatat li s-CPVO jevoka, f'din l-istess ittra elettronika, "l-istruzzjonijiet mibgħuta mill-Uffiċċju, dwar il-provvista ta' pjanti u l-istat sanitarju meħtieġ", u jagħmel b'hekk riferiment għat-talbiet individwali li hemm fl-ittri tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999.

74 It-tielet nett, mill-ittra elettronika tat-13 ta' Ġunju 2001 jirriżulta li s-CPVO ippermetta lil KSB sabiex jippreżenta materjal ġdid minħabba l-fatt li l-istruzzjonijiet li kien hemm fl-ittri tiegħu tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999 ma wrewx b'mod suffiċjentement ċar, sabiex jiġi eskluż kull dubju minn naħa ta' KSB, il-fatt li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat kellu jkun ħieles minn virus. Fil-fatt, is-CPVO qies li l-imsemmija istruzzjonijiet kien imisshom indikaw b'mod espliċitu li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat kellu jkun ħieles minn virus, peress li ma huwiex il-kompitu tal-awturi tal-applikazzjonijiet għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti li jinterpretaw l-istruzzjonijiet tiegħu.

75 B'hekk, jidher li l-ittra elettronika tat-13 ta' Ġunju 2001 kienet intiża sabiex tirrimedja n-nuqqas ta' preċiżjoni tat-talbiet individwali li kien hemm fl-ittri tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999, fir-rigward tal-fatt li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat fid-dawl tal-eżami tekniku kellu jkun ħieles minn virus.

76 Issa, mill-ittra tal-25 ta' Marzu 1999 jirriżulta li s-CPVO ma stabbilixxiex terminu għal KSB għall-provvista taċ-ċertifikat fitosanitarju mitlub.

77 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li s-CPVO seta' b'mod validu, fl-ittra elettronika tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2001, jirrimedja n-nuqqas ta' preċiżjoni tat-talbiet individwali tiegħu fl-ittri tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999, fir-rigward tal-fatt li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat fid-dawl tal-eżami tekniku kellu jkun ħieles minn virus.

78 Konsegwentement, kien il-kompitu tal-Bord tal-Appell li jevalwa jekk KSB kienx ikkonforma ruħu mat-talba individwali li kien hemm fl-ittra elettronika tas-CPVO tat-13 ta' Ġunju 2001, li kienet intiża sabiex tirrimedja n-nuqqas ta' preċiżjoni tat-talbiet individwali li jirriżultaw mill-ittri tas-CPVO tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999.

79 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, hemm lok li jiġi konkluż li l-Bord tal-Appell wettaq żball ta' liġi meta kkunsidra li, peress li KSB ma kienx ipprovda ċ-ċertifikat fitosanitarju mitlub mis-CPVO fl-ittri tiegħu tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999, KSB ma kienx ikkonforma ruħu mat-talbiet individwali li kien hemm f'dawn l-ittri. Għaldaqstant, meta kkonkluda li s-CPVO kien kiser l-Artikolu 61(1)(b) tar-Regolament Nru 2100/94, billi awtorizza lil KSB sabiex jippreżenta materjal ġdid, filwaqt li, skont din id-dispożizzjoni, huwa kellu jiċħad mal-ewwel l-applikazzjoni ppreżentata minn KSB peress li dan ma kienx ikkonforma ma' talba individwali, il-Bord tal-Appell interpreta b'mod żbaljat il-portata tas-setgħa diskrezzjonali li għandu s-CPVO skont l-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94.

80 Din il-konklużjoni ma hijiex affettwata mill-allegazzjonijiet ta' *mala fide* fformulati mill-intervenjenti fir-rigward ta' KSB u tar-rikorrenti, li għandhom jiġu miċħuda bħala irrilevanti peress li l-aġir ta' KSB u tar-rikorrenti ma għandux x'jaqsam mal-kwistjoni ta' jekk is-setgħa diskrezzjonali mogħtija lis-CPVO permezz tal-Artikolu 55(4) tar-Regolament Nru 2100/94 kinitx tippermettilu jew le li jirrimedja, permezz tal-ittra elettronika tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2001, in-nuqqas ta' preċiżjoni tat-talbiet individwali tiegħu li kien hemm fl-ittri tas-26 ta' Jannar u tal-25 ta' Marzu 1999, fir-rigward tal-fatt li l-materjal li kellu jiġi ppreżentat fid-dawl tal-eżami tekniku kellu jkun ħieles minn virus.

81 Konsegwentement, hemm lok li jintlaqa' r-rikors u, għaldaqstant, li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tiġi eżaminata l-fondatezza tat-tieni motiv.

Fuq it-talba sussidjarja intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tas-CPVO EU 18759, OBJ 06-021 u OBJ 06-022, tas-26 ta' Frar 2007, għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni Nru 1999/0033 kif ukoll għat-twettiq ta' studji addizzjonali u għal miżuri għall-kisba ta' opinjoni esperta

82 Fir-rigward tat-talba tal-intervenjenti intiża sabiex, fil-każ tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjonijiet tas-CPVO EU 18759, OBJ 06-021 u OBJ 06-022, tas-26 ta' Frar 2007, tiċħad l-applikazzjoni Nru 1999/0033 u, jekk ikun il-każ, tordna t-twettiq ta' studji addizzjonali u miżuri għall-kisba ta' opinjoni esperta, għandu jiġi rrilevat li l-intervenjenti qegħdin essenzjalment jitolbu lill-Qorti Ġenerali sabiex tadotta d-deċiżjoni li huma jqisu li s-CPVO kien imissu ħa, jiġifieri deċiżjoni li tannulla d-deċiżjonijiet ta' ċaħda tal-oġġezzjonijiet li huma kienu indirizzaw lis-CPVO u li tiċħad l-applikazzjoni fir-rigward tal-varjetà Gala Schnitzer. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li, permezz ta' din il-parti tat-tieni talba tagħhom, l-intervenjenti qegħdin jitolbu l-bidla tad-deċiżjoni kkontestata.

83 Għandu jiġi rrilevat li, insostenn ta' din it-talba, l-intervenjenti invokaw quddiem il-Bord tal-Appell numru ta' motivi bbażati fuq il-ksur, mill-kumitat, tal-Artikolu 7(1), tal-Artikolu 56(2) u tal-Artikolu 57(3) tar-Regolament Nru 2100/94, kif ukoll tal-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95, tal-31 ta' Mejju 1995, li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 17, p. 327), moqrija flimkien mal-punti III 3, III 5 u III 6 tal-Protokoll TP/14/1 tas-CPVO, tas-27 ta' Marzu 2003, dwar l-eżamijiet ta' distinzjoni, omoġenjità u stabbiltà (Tuffieħ), sa fejn il-varjetà Gala Schnitzer ma għandhiex karattru distintiv

fil-konfront tal-varjetà Baigent u sa fejn is-CPVO kien kiser ċertu numru ta' regoli tal-proċedura waqt u wara l-eżami tekniku.

84 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Bord tal-Appell ma eżaminax l-imsemmija motivi.

85 Issa, peress li l-intervenjenti invokaw, kontra dan ir-rikors, argument li ma ġiex eżaminat mill-Bord tal-Appell, ma hemmx lok li tintlaqa' t-talba tagħhom sabiex tinbidel id-deċiżjoni kkontestata, peress li dan ikun jimplika, essenzjalment, l-eżerċizzju ta' funzjonijiet amministrattivi u ta' stħarriġ li jappartjenu lis-CPVO u, minħabba f'hekk, ikun kuntrarju għall-bilanċ istituzzjonali li fuqu huwa bbażat il-prinċipju tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn is-CPVO u l-Qorti Ġenerali (ara, b'analoġija, is-sentenza ELIO FIORUCCI, iċċitata iktar 'il fuq, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Konsegwentement, it-talba tal-intervenjenti għall-bidla tad-deċiżjoni kkontestata hija miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

87 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

88 Peress li s-CPVO tilef, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata hija annullata, hemm lok li huwa jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll dawk tar-rikorrenti, skont it-talbiet tar-rikorrenti f'dan is-sens, minkejja l-emenda tat-talbiet tas-CPVO li saret waqt is-seduta.

89 Peress li l-intervenjenti tilfu, huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju ta' Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) tal-21 ta' Novembru 2007 (Każijiet A 003/2007 u A 004/2007) hija annullata.

2) Is-CPVO huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti minn Schniga GmbH.

3) Elaris SNC u Brookfield New Zealand Ltd huma kkundanati għall-ispejjeż tagħhom.

Meij Vadapalas Truchot

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Settembru 2010.

Firem